# 12

### *Kamra tas-sodda ta' Paul. Tard fil-ghodu*

*Sink. Hu qed jinhasel. Hi fis-sodda tikteb.*

| | |
|---|---|
| PAUL | Il-Magistrat kwerelanti Phelypeaux qalli li ma kellix karattru |
| JACKY | Jien qed nikteb profil tieghek mhux dwar il-karattru |
| PAUL | Haqq m'hawx aktar sapun |
| JACKY | Dil-kaxxa tas-Surf<br>Poggi ftit Surf fis-Sink |
| PAUL | Jien vera tank taz-zibel<br>Kieku kelli karattru |
| JACKY | Bla karattru bla sapun bla sapun tal-hwejjeg<br>Sens ta' igene xejn mhux zviluppat<br>Xejn hlief tmur 'l hemm u 'l haw'<br>Fittex<br>Forsi hemm xi haga li ghandek xi don |
| PAUL | Jien inhoss li jien pittur<br>Nixtieq insir pittur |

| | |
|---|---|
| JACKY | Ah<br><br>Vokazzjoni artist |
| PAUL | Ma tantx kienet toghgbu din lil missieri aghddi mill-'A' levels ghalissa biex ir-rizultat kien li la lestejt haga u lanqas l-ohra<br><br>La ridt nobdih u lanqas nieqaflu |
| JACKY | Din il-broxka |
| PAUL | Xhiex |
| JACKY | Oghrok b'din il-broxka anke jekk m'ghandekx sapun |
| PAUL | Kull m'ghad baqghali l-holma |
| JACKY | Ghalhekk tittaqqab biex forsi tohlom iktar |
| PAUL | X'qed tikteb? |
| JACKY | Qed naghmel il-profil tieghek |
| PAUL | Ghaliex ? |
| JACKY | Ma nafx<br><br>Forsi nigi bzonnu<br><br>Forsi biex naghtihulek halli taqrah |

| | |
|---|---|
| PAUL | Se taghmel xi studju dwar l-ambjent<br><br>Id-delinkwenza l-emmarginati t-tahwid  ta' din il-generazzjoni<br><br>Tas-seklu l-gdid<br><br>Titolu<br><br>It-tahwid ta' tifel tas-seklu l-gdid tal-millenju l-gdid<br><br>Bieghha din l-ideja fuq it-televizjoni<br><br>Ipproponi s-suggett lil Vincent Bonnemalle ghall-programm li jmiss ta' "Id-Dinja u Jien" |
| JACKY | Xxxxxxx |
| PAUL | Ta' tmiem il-millenju<br><br>X 'tahseb ? |
| JACKY | L-aljenazzjoni taz-zghazagh tal-bidu tas-seklu<br><br>Min jaf<br><br>Trid thokk rasek sewwa biex tohrog b'tema gdid kull gimgha |
| PAUL | Veru effikaci<br><br>Tista' tiggudika mis-swidija ta' l-ilma |
| JACKY | Tinsiex saqajk |
| PAUL | Li jmiss diga' naghlqet se tkun tat-tragedja ta' dawk li ghandhom 'il fuq minn hamsin sena u li m'ghandhomx xoghol<br><br>Missieri qieghed fiha u ommi wkoll it-tnejn li huma |

| | |
|---|---|
| | Dak kien jonqos<br><br>Il-fama<br><br>Xi haga biex titqatel ghaliha |
| JACKY | Il-taparsi-missierek |
| PAUL | Ma naf xejn fuqha l-bicca |
| JACKY | Qieghed? |
| PAUL | Aghar |
| JACKY | Kif aghar? |
| PAUL | Iva aghar<br><br>Il-haddiem servili, degradat mitluf fi spazju kbir li fl-ahhar jiskava dan il-post wara erbgha snin ma jaghmel xejn hlief successi ma kienx jaghmel<br><br>Bil-qieghda fuq il-mejda tal-kcina<br><br>Ma sabu xejn ahjar biex jippruvaw li hemm bzonn tiddispra<br><br>Rajthom lil ommi u missieri jippreparaw<br><br>l-aghar tal-films tal-porno mhumiex aghar minn dak li ha jigri hemm<br><br>*(jidhol hdejha fis-sodda)*<br><br>Blache kien ikun inqas grottesk<br><br>Imbaghad<br><br>*Silenzju* |

| | |
|---|---|
| JACKY | Taf<br><br>Ghandi l-guh<br><br>Nistghu naghmlu breakfast<br><br>Nixghelu naqra muzika<br><br>Int tinzel tara ssibx xi croissant? |
| PAUL | Xi pasta tac-cikkulata |
| JACKY | Tippreferi?<br><br>Kien joghgbok iktar kieku kien Blache |
| PAUL | Missu kien Blache<br><br>Imma nsomma tajjeb<br><br>Blache ma kienx iktar disponibbli |
| JACKY | Le |
| PAUL | Kellu jkun missieri imma mbaghad saru jafu bi Blache u ghazlu lilu ghax Blache<br><br>Ah missieri kien mignun<br><br>Blache qatt ma kien jaghmel dil-karriera kieku ma dahhlux missieri jahdem mieghu li kien obbligat lejh f' kollox<br><br>Sejjer<br><br>Fejn int sejra int ?<br><br>Ghandu<br><br>X'sejra taghmel ? |

| | |
|---|---|
| | Tghidlu kelma |
| JACKY | (Tiddritta lilha nnifisha)<br><br>kien hemm? |
| PAUL | Reunion ta' zewgt ihbieb li ghal darb'ohra jghannqu 'l xulxin u li jifirhu b' xulxin wara snin ta' firda hija pittura li xi darba rrid inpingi diga' lesta kollha go rasi cilindru mimli xkuma maghquda imxerrda ma' kullimkien hadd ma jara ebda hjiel la ta' wiehed u lanqas ta' l-iehor<br><br>In-nies tat-televizjoni kellhom jittiehdu b'sorpriza bil-mewt ta' Blache kienu drawh<br><br>(Jacky qamet, f'sekonda libset)<br><br>Kuntent hafna missieri<br><br>Se narawh fuq l-iskrijn bil-helmet<br><br>Hemm cooker taht is-sodda biex taghmel ftit kafe |
| JACKY | M'inix certa ghandix hin |
| PAUL | X'ghandek kull fejn tmur bil-giri |
| JACKY | Paul il-breakfast ghal darb'ohra<br><br>Nahliflek |